MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1046/2014

**Fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat**
**għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1787/14**
**maħruġ fil-11 ta' Novembru, 2014 fl-ismijiet:**

**More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited, More Supermarkets (P'Ville) Limited (C61504) u D More Holdings Limited**

**vs.**

**Alexander Farrugia (ID 99676M), Ryan Schembri (ID 450878M),**
**Adrian Agius (ID 328078M) u Cassar & Schembri**
**(Marketing) Limited (C33174)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Alexander Farrugia** (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fid-19 ta' Novembru, 2014 fejn għar-raġunijiet hemm spjegati talab ir-revoka

tal-Mandat ta’ Sewkestru Kawtelatorju Nru. 1787/2014 (minn issa ‘l quddiem imsejjaħ “il-Mandat”), u dan peress li qiegħed isostni li l-allegazzjonijiet ta’ danni sofferti mis-soċjetajiet intimati huma bla bażi legali.

Rat ir-Risposta ta’ **More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited, More Supermarkets (P’Ville) Limited (C61504)** u **D More Holdings Limited** (minn issa ‘il quddiem imsejħin “is-soċjetajiet intimati”), ippreżentata fl-1 ta’ Diċembru, 2014 fejn għar-raġunijiet hemm spjegati ssottomettew illi ma hemmx raġuni valida fil-liġi għalfejn it-talba tar-rikorrenti kif magħmula fir-Rikors għar-revoka tal-Mandat għandha tintlaqa’, u għaldaqstant tali talba għandha tiġi miċħuda.

Rat l-atti kollha tal-Mandat u l-atti ta’ dan ir-Rikors.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta’ Jannar, 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi dan huwa rikors għall-ħruġ ta’ kontro-mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1787/2014 li kien ippreżentat fil-11 ta’ Novembru, 2014.

Tqis illi r-rikorrent qiegħed isejjes it-talba tiegħu għal ħruġ ta’ kontro-mandat abbażi li “l-allegazzjoni ta’ danni sofferti mill-intimati *(recte)* huma bla bażi legali u ma jistax wieħed jaqbad u jagħmel mandat u allegazzjoni ta’ danni ta’ ammont daqshekk sostanzjali u jiġi milqugħ”.

Tqis li madankollu t-talba tar-rikorrent għal ħruġ ta’ kontro-mandat ma ġietx speċifikament inkwadrata taħt l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi (l-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) li abbażi tagħhom tista’ tintalab ir-revoka ta’ mandat kawtelatorju.

Tqis illi s-soċjetajiet intimati min-naħa tagħhom qegħdin isostnu illi l-pretensjonijiet li jridu jikkawtelaw permezz tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1787/14 jikkonsistu

f'talbiet għad-danni fil-konfront tar-rikorrent Alexander Farrugia u l-konvenuti l-oħra għal aġir abbużiv, qarrieqi u illegali da parti tagħhom li permezz tiegħu ir-rikorrent Alexander Farrugia kien ottjena titolu eżekuttiv kontra s-soċjetajiet intimati. Is-soċjetajiet intimati segwew dawn il-pretensjonijiet tagħhom billi ppreżentaw kawża għad-danni (Rikors Maħluf Nru. 1001/14LM) kontra Alexander Farrugia u l-konvenuti l-oħra, li qiegħda tinstema' minn din il-Qorti kif hija ppresjeduta.

Tqis illi r-rikorrent ma ġab ebda prova, imqar waħda *prima facie,* li l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mhuwiex ġustifikat jew li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Tqis illi r-Rikors huwa pjuttost xott u lakoniku f'dan ir-rigward għax ma jinvoka l-ebda dispożizzjoni partikolari tal-liġi li abbażi tagħha qiegħda tintalab ir-revoka tal-Mandat u jgħid biss illi "l-allegazzjonijiet ta' danni sofferti mill-intimati (*recte*) huma bla bażi legali". Ċertament din hija kwistjoni li tista' tiġi derterminata biss fil-kawża proprja bejn il-kontendenti dwar il-mertu.

Tqis illi l-Artikolu 836(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel ċar illi "il-persuna li tagħmel ir-rikors skont is-subartikolu [836](1) għandha flimkien mar-rikors, tippreżenta bil-miktub is-sottomissjonijiet kollha li tkun trid tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta". Ir-rikorrenti m'għamel xejn minn dan ħlief li qiegħed jgħid li l-allegazzjoni ta' danni sofferti mill-intimati hija bla bażi legali u ma jistax wieħed jaqbad u jagħmel mandat u allegazzjoni ta' danni ta' ammont daqshekk sostanzjali u jiġi milqugħ.

Tqis illi l-kwistjoni dwar jekk il-pretensjonijiet tas-soċjetajiet intimati kif dedotti fir-Rikors Maħluf Nru. 1001/14LM humiex bla bażi legali jew le, hija kwistjoni li tista' tiġi determinata biss fil-kawża dwar il-mertu u mhux f'dan l-eżami preliminari mad-daqqa t'għajn li qiegħed isir skont din il-proċedura *ai termini* tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-imsemmi Artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm -il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, l-proċedura maħsuba fl-Artikolu

836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*[1]. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Govè et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dawn il-kliem:

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*[2]

Tqis illi fl-ambitu tal-eżami *prima facie* li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami *prima facie*, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.

Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħrug ta' kontro-mandat wara l-aċċertament *prima facie* li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami *prima facie* li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami *prima facie* huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u jirreferi għal dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn.

Tqis illi kwantu għal dak li ġie allegat mir-rikorrent fir-rikors tiegħu, illi minbarra l-kontijiet tiegħu ġew ukoll issekwestrati kontijiet ta' ulied ir-rikorrent li huma *joint* miegħu, ir-rikorrent ma ppreżenta l-ebda dokument biex jissustanzja din l-asserzjoni tiegħu.

Tqis illi kwantu għas-sottomissjoni tar-rikorrent illi huwa qatt ma kellu ebda relazzjoni ma' D More Holdings Limited u li għalhekk it-talba tagħhom żgur hija bla bażi u infondata, din il-Qorti tqis illi *prima facie* anki D More Holdings Limited għandha pretensjonijiet x'tikkawtela

[1] **J.V. & S. Developments Limited (C28790) vs. Scala Developments Limited,** PA deċiża 9 ta' Jannar 2012.

[2] Ara wkoll is-sentenza **Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**, PA deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003.

peress li bl-allegati danni li s-soċjetajiet intimati l-oħrajn jistgħu qegħdin ibatu, tista' qiegħda tbatiehom ukoll D More Holdings Limited bħala telf fin-negozju u tnaqqis fil-valur tal-ishma tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1787/14 maħruġ fil-11 ta' Novembru, 2014 fl-ismijiet More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited, More Supermarkets (P'Ville) Limited (C61504) u D More Holdings Limited vs. Alexander Farrugia (ID 99676M), Ryan Schembri (ID 450878M), Adrian Agius (ID 328078M) u Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C33174M) kif dedotta fir-Rikors tagħhom tas-19 ta' Novembru, 2014. L-ispejjez ta' din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.**

**Onor. Imhallef Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra - Dep. Reġ.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------